# RAPPORT ANNWALI 2013

## INTRODUZZJONI

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalità li hija l-ewwel waħda għal din il-leġislatura, is-seba' waħda minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali. Ippermettuli għalhekk nintroduċikom mal-membri kollha tal-Kunsill li huma:

Dott. Maria Deguara, Sindku
Anne Marie Muscat Fenech Adami, Viċi Sindku
u l-kunsillieri Clifford Galea,
Clinton Sammut,
Noel Gatt,
Alexander Agius,
Pauline Miceli,
Pierre Sciberras,
Louis Bonnici

Magħhom ippermettuli nilqa' lil uħud mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq immexxija mic-*Chairperson* Maryanne Cuomo.

Mas-Sinjura Cuomo fil-Kumitat Amministrattiv hemm il-Viċi *Chairperson* Maria Vella u l-membri Evelyn Muscat, Joseph Bonello u Joseph Micallef. Nixtieq hawnhekk insellem lis-Sur Joseph Woods li sa ftit tax-xhur ilu kien jifforma parti minn dan il-kumitat bħala Viċi *Chairperson* u li minħabba raġunijiiet personali irreżenja mill-Kumitat.  Filwaqt li nirringrazzjawh tas-servizz li ta kemm dam fil-kariga, nifirħu lis-Sur Micallef li kien ko-optjat mill-istess kumitat.  Inċidentalment dawn huma l-aħħar ftit ġimgħat qabel ma jerġgħu jsiru l-elezzjonijiet għat-tieni Kumitat Amministrattiv.

Tajjeb ngħid li l-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv tifforma parti mill-ħidma tal-Kunsill Lokali u għalhekk f'dan ir-rapport se tkun qed issir riferenza għal din il-ħidma wkoll.

**<u>PROĠETTI</u>**

Minkejja li normalment wieħed jistenna li fl-ewwel sena ftit li xejn jara xogħol jitwettaq, matul din l-aħħar sena mhux biss rajna xogħol jitwettaq li kien ippjanat mill-Kunsill preċedenti iżda rajna pjanijiet ġodda jinħmew u jibdew jitwettqu. Għalhekk se nagħtu ħarsa lejn il-proġetti li twettqu fis-sena li għaddiet.

**Toroq:** Matul din is-sena l-Kunsill kesa dawn it-toroq li ġejjin:
• Triq Nicholas Monsarrat f'SPTT.
• Triq Injazju Micallef
• Sqaq il-Palk (Kisi bil-konkos)
• Parti minn Triq il-Lampara (Kumitat Amministrattiv)
• Triq il-Fugass (Kumitat Amministrattiv)
• Traqqieħ maġġuri fi Triq is-Sikka (Kumitat Amministrattiv)

Fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill se jkun qed jiddiskuti aktar xogħol ta' tiswijiet tat-toroq, il-metodu li għandu juża u l-prijoritajiet. Tajjeb insemmu li qed ikunu nnutati diversi ħsarat fit-toroq b'riżultat tal-maltemp u għalhekk żgur li għall-kunsill mhux se tkun faċli li jasal li jipprijoritzza. Konxji wkoll li r-riżorsi finanzjarji mhux se jippermettu li l-Kunsill jirranġa kull fejn hemm bżonn u għalhekk nifhmu li se jkun hemm xi residenti li joħorġu diżappuntati.

Apparti t-toroq li semmejna l-Gvern bena wkoll Triq Manwel Magri, Triq il-Ħannewija u kesa wkoll partijiet minn Triq tal-Labour.

Fil-Magħtab sar ukoll ix-xogħol fuq l-ewwel fażi ta kisi ta’toroq minn Wasteserv li kienu jinvolvu Triq Santa Klara u Triq tat-Tarġa. Il-Kunsill kien imwiegħed minn Wasteserv li se jkompli t-tieni fażi li tinkludi Triq Santa Marija iżda minkejja li għaddew ix-xhur mit-tlestija tal-ewwel fażi għad m'hemm l-ebda ħjiel dwar jekk u meta se jitwettaq ix-xogħol tat-tieni fażi.

La qed insemmu l-Magħtab irridu ngħidu wkoll li l-Kunsill qed jonfoq eluf ta’ ewro f’*patching* f’din iż-żona u fiż-żoni rurali kollha inkluż fin-naħiet tal-qadi

u s-Salina. Bħala medja l-*patching* fiż-żoni rurali qed jiswa lill-Kunsill mal-€20,000. Huma ħafna li jikkummentaw li dan jista' jkun ħela ta' flus u minflok il-Kunsill imissu jiksi dawn it-toroq. Madanakollu wieħed irid japprezza d-dilemma li min-naħa l-Kunsill ma jistax iħalli l-ħofor f'tant toroq filwaqt li biex imqar jiksi triq waħda jkun irid eluf ħafna akbar ta' ewro.

Sadanittant irridu ngħidu wkoll li diġà bdew it-tħejjijiet biex jibda x-xogħol fi Triq il-Kosta, liema xogħol se jsir minn Transport Malta b'fondi Ewropej. Ninsabu infurmati li minħabba li jeħtieg li jkun hemm toroq alternattivi tajbin waqt li jkun għaddej ix-xogħol, parti mill-proġett għandu jinkludi kisi ta' partijiet minn Triq ir-Ramla fil-Magħtab.

Meta nsemmu t-toroq ma nistgħux ma ninkludux ukoll il-bankini. Fil-maġġoranza tat-toroq imsemmija qabel saru wkoll bankini ġodda. Apparti dawn però saru xogħlijiet ta' bankini fi Triq l-Oratorju mill-kuntrattur tal-Kunsill apparti rranġar ta' diversi partijiet ta' bankini mill-*handymen* tal-Kunsill.

Proġett ieħor li twettaq riċentament bħala parti minn skema mal-Gvern Ċentrali biex jagħmel aktar postijiet aċċessibbli, il-Kunsill għamel għaxar ranep fit-truf tal-bankini skont standards marbutin mal-liġi tal-aċċessibilità. Dawn intlaqgħu tajjeb ħafna u kienu numerużi dawk li talbu lill-Kunsill biex jagħmel aktar minn dawn ir-ranep.

Tajjeb insemmu wkoll li l-Kunsill digà huwa kommess li jiksi l-isqaqien kollha bil-konkos bħal ma kienu saru numru ta' sqaqien fi' Triq Santa Lucija. Saħansitra l-Kunsill kien digà ordna x-xogħol iżda minħabba nuqqas ta' qbil mal-kuntrattur dwar ħlasijiet fuq xogħlijiet oħra, kellna nipposponu x-xogħol. La darba s-sitwazzjoni għadha m'hijiex riżolta, u minħabba li l-kuntratt wasal biex jiskadi, irridu issa nippubblikaw sejħa għall-offerti għal kuntratt ġdid u għalhekk ma nkunux nistgħu nibdew bix-xogħol qabel ma jingħata kuntratt ġdid.

**Proġetti infrastrutturali:**

**Triq Castro** – Dan kien xogħol pjuttost kbir u li involva xogħol u materjal li qatt ma ntuża bħalu qabel fin-Naxxar. Ix-xogħol prinċipali tlesta iżda għad fadal xogħol relatat mad-dawl u biex jitneħħew il-*cables* tad-dawl. Nistgħu ngħidu li x-xogħol sar tajjeb u Triq Castro ngħatat id-dehra sabiħa li kien jixirqilha.

**Proġett tal-Pjazza quddiem il-Ħniena Divina:** Wara li l-Kunsill kiseb l-approvazzjonijiet meħtieġa l-Kunsill għadu qiegħed jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet meħtieġa mal-Ministru konċernat biex il-Gvern jidħol għal dan ix-xogħol. Dan infatti kellna l-opportunità niddiskutuh f'laqgħat li kellna mal-Onor Ministru Joe Mizzi. Bi pjaċir ninnutaw li, fin-nuqqas li jsir il-proġett għalissa, il-Ministeru aċċetta u wettaq xogħol ta' marki tat-toroq estensivi u għalhekk taffa xi ftit mill-piżijiet finanzjarji tal-Kunsill.

**Holy Family Home:** Dwar dan infakkar li l-Kunsill, bl-approvazzjoni tal-Gvern, daħal fi skema tal-PPP u b'hekk seta' jitwettaq xogħol fuq il-ġnien ta' din id-dar biex ikun jista' jintuża wkoll mill-anzjani li m'humiex residenti f'din id-dar. Ix-xogħol infrastrutturali tlesta u l-anzjani qed jibbenefikaw minn dan il-ftehim ta' sħubija. Parti sostanzjali mill-ispejjeż ġew iffinanzjati mill-Gvern Ċentrali.

**Devoluzzjoni tal-Mitħna tal-Għaqba:** Il-Mitħna tinsab issa f'idejn il-Kunsill Lokali u qed isiru l-istudji u l-preparazzjonijiet meħtieġa biex eventwalment tkun restawrata possibilment bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali jew permezz ta' fondi mill-UE. Sadanittant qed isiru wkoll l-arranġamenti mal-MCAST biex waqt li l-istudenti jkunu qed jitgħallmu, jkunu jistgħu jagħmlu l-lezzjonijiet tal-prattika f'din il-mitħna u b'hekk tkun qed tiġi restawrata gradwalment.

## <u>L-EDUKAZZJONI</u>

Il-Kunsill preżenti kompla fuq il-passi tal-Kunsill Lokali preċedenti u kompla jagħti l-importanza kollha meħtieġa lil dan is-settur tant importanti. Għalhekk għal darba oħra reġa' daħal sħab mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni

biex jorganizza aktar korsijiet tal-*Life Long Learning*.

Baqgħu isiru wkoll il-korsijet tal-kompjuter u l-konkorrenza baqgħet tkun inkoraġġanti. Ta' sodisfazzjon ninnutaw li dejjem qed jiżdiedu persuni kbar fl-età li jitħajjru jitgħallmu l-kompjuter. Dan jagħmlilna kuraġġ biex inkomplu noffru dan is-servizz.

B'kollaborazzjoni ma' TCTC il-Kunsill fetaħ klassi ġdida tal-kompjuters. Din ġiet inawgurata mill-Onor. Dott. Josè Herrera, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

Ta' sodisfazzjon insemmu li din is-sena l-kumpanija TCTC rrikonoxxiet lill-Kunsill Lokali Naxxar bħala l-aktar Kunsill li daħal għal proġetti ta' korsijiet tal-kompjuters.

Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill se jkun qiegħed ukoll iniedi numru ta' korsijiet oħra interessanti bħal First Aid u anki Drama. F'Baħar iċ-Ċagħaq diġà bdejna korsijiet dwar is-saħħa flimkien mad-Dipartiment tal-Kura Primarja. Dawn l-istess korsijiet se nkunu qed noffruhom ukoll fin-Naxxar fil-jiem li ġejjin.

Il-Kunsill kompla wkoll jattrezza l-librerija b'aktar kotba ġodda u dejjem fittex li jidħol fi skemi tal-Gvern Ċentrali biex jiffaċilita dan.

## L-ANZJANI

Il-Kunsill ma naqasx li jagħti l-importanza wkoll lill-Anzjani. Il-Kunsill għandu ħsibijiet biex jibda joffri servizzi lill-Anzjani bl-għajnuna ta' voluntieri. Dan japplika l-aktar għal dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Dwar dan il-Kunsill diġà kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Anzjani l-Onor. Dott. Franco Mercieca u propju nhar it-Tnejn se jkollna laqgħa mal-Onor Ministru Marie Louise Coleiro Preca.

Mal-Ministru Coleiro Preca se niddiskutu wkoll idea ta' proġett kbir fuq livell Reġjonali ta' *Respite Centre*. Għalkemm Dott. Coleiro Preca waslet biex

tispiċċa minn Ministru, nemmnu li fil-kariga ġdida tagħha bħala President tar-Repubblika, xorta waħda tkun tista' tgħin biex dan il-proġett jimmaterjalizza matul is-snin li ġejjin. Irridu ngħidu wkoll li dan il-proġett iddiskutejnih ukoll f'laqgħa li kellna mal-Onor. Dott. Michael Farrugia f'laqgħa li kellna riċentament.

Proġett pilota li ppjanajna għall-anzjani kien dak ta' drama li sar bil-kollaborazzjoni ta' żewġ professjonisti. Dan sar fl-ewwel xhur ta' din is-sena b'fondi mill-Arts Fund. Qed niftħu wkoll diskussjonijiet biex possibilment is-Segretarjat Parlamentari jiftaħ mill-ġdid dan is-servizz anzi jifirxu fuq Malta kollha.

## ĦIDMA SPORTIVA

Matul din is-sena l-Kunsill baqa' jorganizza attivitajiet sportivi li jiffukaw l-aktar fuq sports ta' ġewwa bħalma huma korsijiet ta' *keep fit, aerobics u zumba*. Żidna wkoll korsijiet tal-Aikido u qed nagħmlu diskussjonijiet biex inżidu aktar sports, inkluż bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal.

Il-Kunsill ikkommetta ruħu wkoll li jibda jippromwovi ċ-ċikliżmu u għalhekk dalwaqt tibdew tisimgħu aktar b'inizjattivi favur dan it-tip ta' sport. Dan huwa suġġett li mhux se jkun qiegħed jintrabat biss mal-isports għaliex jolqot diversi aspetti bħalma huwa s-saħħa fiżika, it-trasport u l-ambjent.

## ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill impenja ruħu wkoll favur iż-żgħażagħ u għalhekk għal darba oħra qiegħed jipparteċipa fl-inizjattiva tal-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ. Bi pjaċir nilqa' magħna llum ukoll lill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li huma mmexxija mill-Youth Worker Denise Farrugia u forsi wara dan ir-rapport ikunu jistgħu jippreżentaw lilhom infushom.

Żgur li kulħadd sema' bil-VOT 16. Il-Kunsill Lokali Naxxar qiegħed

jikkollabora bis-sħiħ tant li ħatar ukoll lill-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ li għandu dritt li jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill u jipparteċipa fid-diskussjoni. L-ewwel ambaxxatur tagħna kien Daniel Camilleri li però kellu jispiċċa minn din il-kariga minħabba li għalaq it-tmintax-il sena. Fil-jiem li ġejjin il-Kunsill għandu jaħtar Ambaxxatur ġdid.

Il-Kunsill assista wkoll żgħażugħ min-Naxxar (Daniel Frendo) biex jipparteċipa fi proġett Ewropew tal-*Youth in Action* li kienet qed tikkordinah l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**ATTIVITAJIET U KULTURA**

Pjan li mmaterjalizza matul din is-sena u li mistenni jgħin ħafna fil-ħidma Kulturali huwa l-formazzjoni tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari. Din hija organizzazzjoni lokali ġdida li ġiet iffurmata fuq inizjattiva tal-Kunsill. L-għan ġenerali tal-għaqda huwa l-ħarsien tal-wirt kulturali Naxxari.

Bħala parti mill-kultura l-Kunsill organizza wkoll numru ta' attivitajiet li jinkludu, l-Karnival, il-Petshow u t-tberik tal-annimali, L-Istorja Tmexxi s-Sengħa, il-Wirja annwali tal-Arti Delizzji u Snajja u l-attività tal-Milied li se nitkellem dwar aktar tard. Baqa' jorganizza wkoll il-ħarġiet kulturali ta' kull xahar li dejjem qed jiġbdu aktar attendenza.

Matul l-attività L-Istorja Tmexxi s-Sengħa, li saret fl-inħawi tal-Kappella ta' San Ġwann, il-Kunsill ta wkoll Ġieħ in-Naxxar lill-Kor Jubilate Deo. Għal darba oħra l-Kunsill għadda l-inkarigu tat-tmexxija għall-għażla ta' dan il-Ġieħ lil Bord indipendenti u l-Kunsill huwa sodisfatt li dan il-Bord wettaq dan ix-xogħol diffiċli bl-akbar abbiltà.

Ġieħ in-Naxxar ma kienx l-uniku rikonoxximent li l-Kunsill ta matul is-sena 2013. Infatti rrikonoxxa wkoll is-suċċessi miksuba mill-Għaqda tan-Nar

Vittorja kif ukoll mill-klabb tal-futbol Naxxar Lions li telgħu fil-Premier Division. Kienu rikonoxxuti wkoll Naxxar Starlites Basketball team li wkoll rebħu d-diviżjoni li kienu fiha.

Semmejna l-attività tal-Milied. Wara li l-attività L-Istorja Tmexxi s-Sengħa ma kelliex is-suċċess mixtieq, il-Kunsill qabel li m'għandux jorganizza attivitajiet kbar oħra qabel ma jagħmel evalwazzjoni bir-reqqa ta' dawn l-attivitajiet. Madanakollu kien hemm talbiet mis-sidien tan-negozji biex issir attività tal-Milied li tkun differenti mis-soltu u li huma jkunu lesti li jikkontribwixxu għaliha finanzjarment. Il-Kunsill laqa' din it-talba u, biex jinċentiva aktar parteċipazzjoni mill-ħwienet, offra li joħroġ l-istess ammont li jikkontribwixxu l-ħwienet sa massimu ta' €5000. Ninsabu sodisfatti li l-kontribuzzjonijiet kienu sostanzjali u li għalhekk, għall-inqas dan l-eżerċizzju serva biex tinbeda sistema li l-ħwienet jikkontribwixxu għaliex wara kollox meta jsiru attivitajiet bħal dawn, in-negozju jibbenefika wkoll.

Kien fuq insistena tal-istess ħwienet li waqt li saru l-attivitajiet ma ngħalqu l-ebda toroq. Però dan wassal biex, minkejja l-promozzjoni li saret, ħafna nies ħasbu li ma kien hemm xejn organizzat. Dwar dan qed issir l-evalwazzjoni meħtieġa mis-sottokumitat tan-negozji biex wara jgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

## <u>TURIŻMU</u>

Ma nistgħux ma nsemmux il-kultura u ma norbtux dan is-suġġett mat-turiżmu. Il-Kunsill issieħeb mad-Direttorat tat-Turiżmu biex flimkien ippjanajna itinerarju turistiku għan-Naxxar. B'hekk it-turisti jsibuha ferm aktar faċli jippjanaw iż-żjara tagħhom f'pajjiżnu u jiskoprju ġojjelli oħra li ma tantx normalment jissemmew fil-pubbliċità turistika ta' pajjiżna. Dan l-itinerarju huwa aċċessibli fuq diversi siti turistiċi Maltin.

Il-Kunsill inawgura wkoll sit fuq l-internet li jippromwovi mixjiet fin-Naxxar. L-informazzjoni interattiva ġiet meħuda mill-ktieb li l-Kunsill ippubblika xi snin ilu ma' Din l-Art Ħelwa, *Four Walks to discover a Village*, b'kitba ta'

Paul Catania.

Mhux se nieqfu hawn u bi pjaċir inħabbar li l-Kunsill applika u rebaħ proġett tal-Unjoni Ewropea li jiswa €170,000. Permezz ta' dan il-proġett il-Kunsill Lokali Naxxar se joħloq proġett mill-aktar innovattiv li permezz tiegħu it-turist ikun jista' jniżżel applikazzjoni fuq l-i*smart phone* tiegħu li jigwidah u jtih informazzjoni mill-aktar dettaljata fuq kull post storiku jew ta interess li għandna fin-Naxxar.

## KUNTATT MAS-SETTURI KOLLHA TAS-SOĊJETÀ

Il-Kunsill baqa' jaċċerta li jżomm kuntatt kontinwu mar-residenti kemm permezz tal-fuljett *Il-Kuntatt mal-Kunsill Tiegħek* kif ukoll permezz tas-*social media* bħal Facebook u Twitter.

Permezz tal-Kunsillieri responsabbli l-Kunsill qiegħed jaċċerta li jżomm kuntatt mill-qrib mal-għaqdiet lokali kif ukoll mas-settur tan-negozji.

Dwar tal-aħħar il-Kunsill jemmen ħafna li hemm potenzjali biex naħdmu u nikkollaboraw flimkien għaliex permezz ta' din il-kollaborazzjoni jgawdu mhux biss in-negozji iżda r-residenti kollha.

Inizjattiva li ttieħdet f'dan ir-rigward kien il-pubblikazzjoni ta' BizNiss, direttorju tan-negozji li qed jgħin lir-residenti jsibu negozji fl-istess lokalità u fl-istess ħin iservi ta' reklam għall-istess negozji. F'dan il-ktejjeb wieħed isib ukoll informazzjoni fuq in-Naxxar u għalhekk qed jgħin ukoll biex inkabbru l-kultura Naxxarija.

Fis-sajf kienet organizzata laqgħa għas-sidien tan-negozji li eventwalment wasslet biex kien iffurmat is-sottokumitat tan-negozji.

Il-Kunsill żied ukoll il-promozzjoni għall-attivitajiet organizzati mill-għaqdiet tal-lokal u dan jidher li kien apprezzat immens. Il-maġġoranza tal-promozzjoni saret fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

Apparti dan kollu l-Kunsill baqa' jfittex il-kollaborazzjoni ta' persuni li b'xi mod għandhom x'joffru lill-komunità. Il-Kunsill irid jippromwovi dejjem affarijiet innovattivi u kreattivi u għalhekk wettaq esperiment li nistgħu ngħidu ħalla impatt pożittiv immens u ġibed l-attenzjoni ta' Malta kollha. Qed nirreferi għat-tpinġija ta' bankijiet b'mod kreattiv fin-naħa tat-*terminus* minn Desiree Azzopardi.

## KONKLUŻJONI

Naturalment għad hemm fejn intejbu u huwa propju dan li l-Kunsill se jkunu qed ikompli jagħmel matul ix-xhur li ġejjin. Tajjeb għalhekk is-sapport kollu tar-residenti u tal-għaqdiet ħalli l-Kunsill ikun jista' jasal għall-aħjar deċiżjonijiet possibli, deċiżjonijiet li ħafna drabi jkunu diffiċli li jittieħdu u li forsi xi wħud ftit japprezzaw.

Konvinti però li għandna ħafna aktar persuni li japprezzaw għaliex ir-riżultati li dejjem jikseb il-Kunsill Lokali Naxxar huma mill-aqwa u jixhdu s-serjetà u l-onesta li dejjem ħadem biha l-Kunsill.

Qabel nagħlaq nixtieq nieħu l-opportunità biex pubblikament nirringrazzja minn qalbi lill-iskrivani u l-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu verament bil-qalb u jagħmlu minn kollox biex joffru l-aħjar servizz possibli lir-residenti. Niringrazzja lill-ħaddiema tad-day centre tal-Anzjani, lill-librara li wkoll qed joffru servizz mill-aqwa f'isem il-Kunsill. Grazzi wkoll lill-kuntratturi tas-servizz tagħhom u lill-entitajiet pubbliċi li jkollna ħafna kuntatti u xi drabi nkunu insistenti biex naqdu lill-pubbliku.

Fl-aħħar nett f'isem ir-residenti kollha nixtie nirringrazzja lis-Sindku, lill-Viċi Sindku, lill-Kunsillieri u lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv u sottokumitat għaliex dawn kollha qed jiddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom biex ikunu ta' servizz għan-Naxxar kollu.

**Paul Gatt**
**Segretarju Eżekuttiv** 14 ta' Marzu 2014